**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 935/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo, Spettur Ian Abdilla)**

**vs**

**Carmelo Butler**
**(130863(M))**

**Illum, 28 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carmelo Butler** ta' 41 sena, iben Michael u Nikolina nee` Vassallo, imwieled il-Pieta` fil-11 ta' Frar 1963, residenti fil-fond Flat 1, Alison Flats, Triq San Ġwann, Birżebbuġia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 130863(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-25 ta' Jannar 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel atti ta' *money laundering* billi:

   (a) Ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta` meta kien jaf li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita` kriminali, jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali, għall-iskop ta' jew

skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta` jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f'attivita` kriminali;

(b) Ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kien jaf li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

(c) Akkwista proprjeta` meta kien jaf li l-istess proprjeta` kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

(d) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġjonevoli ta' proprjeta` meta kien jaf li l-istess proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita` kriminali;

(e) Ittenta jagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija.

u dan ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprojbixxi lill-akkużat Carmelo Butler milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat illi din il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel darba għas-smigħ għall-14 ta' Diċembru 2004[1];

Rat illi madankollu, l-imputat baqa' mhux notifikat, u dan stante illi jidher mill-atti proċesswali illi huwa kien qed jirrinfaċċja proċeduri penali fil-konfront tiegħu ġewwa l-Italja[2];

[1] A fol. 8 tal-proċess.
[2] Ara r-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' April 2005, a fol. 12 u 13 tal-proċess.

Rat ukoll illi wara li f'diversi seduti quddiem il-Qorti Istruttorja baqa' ma deher ħadd, lanqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2007, dik il-Qorti ddifferiet il-kawża *sine die*[3];

Rat in oltre illi fis-seduta tat-2 ta' Frar 2007, il-Qorti Istruttorja, issa diversement preseduta, ġiet infurmata mill-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Paul Vassallo, illi l-imputat kien qiegħed jiskonta piena karċerarja fit-tul ġewwa l-Italja u għalhekk il-kawża reġgħet ġiet differita *sine die* riappuntabbli kemm il-darba l-imputat jiġi notifikat skont il-liġi[4];

Rat illi wara r-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-7 ta' Marzu 2014, il-Qorti Istruttorja rriappuntat il-kawża għas-7 ta' Mejju 2014[5], u l-imputat dakinhar deher għall-ewwel darba quddiem l-istess Qorti;

Rat illi fl-istess seduta tas-7 ta' Mejju 2014, waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu[6];

Rat illi din il-kawża ġiet oriġinarjament assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri datata 11 ta' Ġunju 2021[7], iżda fid-dawl tal-assenjazzjoni tad-doveri lill-Maġistrat sedenti tad-29 ta' Novembru 2021[8], l-atti ntbagħtu lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skont il-liġi[9];

Rat id-digriet tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti tal-15 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu assenja l-kumpilazzjoni odjerna lill-Maġistrat sedenti[10];

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jeżentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mismugħa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[11];

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2A) tal-Artikolu 3 tal-Att Kontra l-*Money Laundering* (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta), datat 27 ta'

---

[3] Ara a fol. 20 tal-proċess.
[4] Ara l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ġunju 2007, a fol. 22 tal-proċess.
[5] Ara d-digriet a fol. 24 tal-proċess.
[6] A fol. 27 tal-proċess.
[7] A fol. 409A tal-proċess.
[8] A fol. 439A tal-proċess.
[9] Ara a fol. 446 tal-proċess.
[10] A fol. 447 tal-proċess.
[11] A fol. 437 tal-proċess.

Diċembru 2021, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna illi l-imputat odjern jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Att[12];

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2022, l-imputat iddikjara illi ma kellux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja[13];

Rat in oltre illi fl-istess seduta tal-1 ta' Lulju 2022, l-imputat debitament assistit irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti, a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkunsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Illi permezz ta' rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat Carmelo Butler ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, ippreżentat mill-Avukat Ġenerali nhar is-27 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti ddikjaraw illi kienu qegħdin jaqblu u jitolbu lil din il-Qorti sabiex "*fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat **Carmelo Butler** għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn dina l-Onorabbli Qorti għandha tkun dik ta'* ***sentejn (2) priġunerija sospiża għal perjodu ta' erba' (4) snin*** *u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.*"[14]

Tqis għalhekk illi l-Avukat Ġenerali u l-imputat kif debitament assistit qablu fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-istess imputat Carmelo Butler u ċioe` il-piena msemmija fir-rikors konġunt tas-27 ta' Diċembru 2021.

Tqis għall-fini tal-piena li sejra tiġi inflitta, illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proċeduri ċertament li ma kinitx waħda bikrija, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ ossia prinċipalment illi l-kontijiet ta' bint l-imputat, Stephanie Butler, intużaw minn

[12] Ara a fol. 442 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 451 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 444 tal-proċess.

Carmen Butler, mart l-imputat, li kellha prokura bankarja fir-rigward tal-istess, sabiex fihom jiġu depożitati flejjes provenjenti mill-attivitajiet kriminali tal-imputat Carmelo Butler u dan naturalment bil-konnivenza tal-istess Carmelo Butler. Fir-rigward il-Qorti tinnota illi l-proċeduri fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler u Stephanie Butler**', l-atti ta' liema proċeduri jinsabu annessi mal-atti tal-proċeduri odjerni, ġew konklużi b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Frar 2008, li permezz tagħha wara l-verdett tal-ġurati ta' dakinhar stess, Carmen Butler instabet ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha fl-att tal-akkuża (ossia tad-delitt ta' *money laundering*) u ġiet ikkundannata għall-piena ta' priġunerija ta' sentejn sospiżi għall-perjodu ta' erba' snin, filwaqt illi fil-konfront tagħha ġiet ordnata wkoll l-konfiska tal-*corpus delicti* ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u l-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' espert. Mill-banda l-oħra, Stephanie Butler instabet mhux ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk ġiet illiberata minnha. Jirriżulta wkoll mill-istess atti illi wara appell mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-konfront ta' Carmen Butler u dan permezz ta' sentenza tas-26 ta' Frar 2009. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis in oltre dak li ngħad mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fir-rigward tal-ammont ta' flus riċiklati fil-każ:

> "Il-qorti tifhem ukoll illi l-ammont ta' flus riċiklati – madwar erbgħa u għoxrin elf lira (Lm24,000), li x'aktarx li mhux kollha, u forsi wkoll mhux il-parti l-kbira minnhom, ġew minn attivita` kriminali relevanti għall-għanijiet tal-każ tallum – għalkemm mhux traskurabbli madankollu ma hijiex tali li tagħmel il-każ tallum fost l-aktar każijiet gravi."

Il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sas-sena 2016, li hija waħda refrattarja u tinkludi piena ta' tnejn u għoxrin sena priġunerija effettiva erogata mill-*Corte D'Assise* ta' Sirakuża, l-Italja talli għen fi dħul illegali ġewwa l-Italja, oltre sejbien ta' ħtija u kundanni dwar fost oħrajn, reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, li kkaġuna offiżi ta' natura ħafifa, serq aggravat, riċettazzjoni, falsifikazzjoni ta' dokumenti u frodi b'egħmil qarrieqi. Tqis ukoll in-natura serja tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, iżda tqis in oltre mill-banda l-oħra illi r-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati llum jirrisali għas-sena 2002 u x-xhur ta' qabel, u illi d-dewmien fil-proċeduri kien dovut fil-maġġor parti tiegħu għall-fatt illi l-istess imputat kien qed jiskonta piena karċerarja ġewwa l-Italja, liema fatt wassal sabiex is-smigħ f'dawn il-proċedura jibda fis-sena 2014. Il-Qorti tqis ukoll illi kien hemm ħafna dewmien ieħor f'dawn il-proċeduri, li fil-fehma tagħha, ma kienx dovut għal xi raġunijiet attribbwibbli lill-istess imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis illi l-piena ravviżata fir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-istess imputat hija waħda idonea u tqis għalhekk illi għandha taderixxi mat-talba konġunta magħmula mill-istess partijiet permezz tar-rikors tagħhom tas-27 ta' Diċembru 2021.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis ukoll illi fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kriminali fil-konfront ta' Carmen Butler u Stephanie Butler, fejn in kwantu Carmen Butler, kif ingħad, dik il-Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, la darba l-fatti ta' dak il-każ huma l-istess bħal dawk tal-lum, din il-Qorti tqis illi m'għandhiex terġa' tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ai termini tal-imsemmi artikolu. Qed tqis ukoll fir-rigward tas-sanzjoni tal-konfiska tal-proprjeta` tal-ħati, fl-ewwel lok, illi tali konfiska ma kinitx waħda tassattiva fiż-żmien tal-każ odjern, fit-termini tal-Artikolu 3(3) tal-Att XIX tal-1994, fit-tieni lok, illi fir-rigward tal-istess fatti, fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kriminali lanqas ma applikat din il-piena fil-konfront ta' mart l-imputat Carmen Butler u fit-tielet lok, illi din is-sentenza qed tingħata wieħed u għoxrin sena wara ż-żmien li għalih jirreferi r-reat odjern. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex qed tordna l-konfiska tal-proprjeta` tal-ħati.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2 u 3 tal-Att XIX tas-sena 1994 ossia l-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern u l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Carmelo Butler** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sentejn priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jwettaq reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat